# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

ĠUNJU 1958


# IL-PAPA

*HAWN bniedem fid-dinja li hu l-aqwa fost il-mexxejja, l-ewwel fost il-kbarat, l-egħżeż fost in-nies, hu dawl ta' qdusija, għajn tal-għerf, xrara ta' mħabba, fawra ta' mogħdija u ħnejja li taħtha jsibu kenn miljuni ta' nies. Dan hu l-Papa, werriet tal-Imfietaħ ta' Pietru, Kap tal-Knisja Mqaddsa u Vigarju fuq din l-art ta' Alla l-imbierek.*

*Miljuni u miljuni ta' nies ta' kull ġens, ta' kull lewn iżommu l-Papa bħala Kap tagħhom fil-qasam tar-ruħ u jħarsu lejh bħala missier u mgħallem għax fost l-egħġubijiet tal-grazzja divina hemm dik ix-xejra tar-ruħ li tmil lejn is-sema u l-Papa megħjun mill-għerf divin, jagħti sura, tifsira u għelm lil din ix-xejra mistika. Kull bniedem hu mogħni bid-dehen u d-dehen minnu nnifsu jħoss il-ħtieġa ta' Alla u l-ġibda lejn il-Mulej bħalma farka azzar tnġibed lejn kalamita.*

*Din il-ħolqa bejn Alla u l-bniedem iħarisha u jagħtiha ħajja l-Papa u għalhekk il-kelma tiegħu hi l-aktar siewja u setgħana għax tolqot mhux il-ħwejjeġ materjali, imma 'l dawk spiritwali fil-ħajja tal-bniedem. Iżda billi dak li hu spiritwali fil-ħajja hu midmum mal-materjali, jiġri li dak li jolqot lil wieħed imiss lil ieħor u għalhekk il-kelma tal-Papa għandha qawwa kbira fil-ħajja tal-bniedem. Tant hu hekk li l-kelma tal-Papa l-lum hi mismugħha mhux biss mill-kattoliċi, iżda mill-ġnus kollha tad-dinja.*

*Il-lum il-personalità tal-Papa ħadet sura internazzjonali u għalkemm l-ewwel u fuq kollox hu l-missier tal-insara kattoliċi, in-nazzjonijiet ċivilizzati nsara u m'humiex iqisuh bħala mexxej ta' setgħa u għerf bla qies u jisimgħu l-kelma tiegħu bil-qima. Din il-qima ma hix imnissla minn biża' jew suġġizzjoni, iżda hi mqanqla mis-sentimenti ta' ħlewwa, ta' mħabba, ta' mogħdrija u ta' ħaqq li dejjem joħorġu mill-qalb u mill-fomm tal-Papa.*

*Xhieda tal-qima lejn il-Papa kienet il-wirja ta' sogħba għall-mewt ta' Piu XII minn nies kollha tad-dinja u mill-Kapi-*

*jiet tan-nazzjonijiet kollha barra x'uhud magħluqin wara l-Purtiera tal-Ħadid. Turija oħra ta' ferħ universali saret għall-ħatra tal-Papa l-ġdid, il-Qdusija Tiegħu Ġwanni XXIII. J'Alla Kristu Sultan iseddqu u jgħinu biex għal żmien twil imexxi d-Dgħajsa ta' Pietru lejn il-kenn tal-ħaqq, is-sewwa u s-sliem.*

**NOTA EDITORJALI** — Billi dan in-Nru. ta' **IL-MALTI**, minħabba ċirkustanzi ta' xogħlijiet iżjed urġenti fl-Istamperija, ma satax joħroġ f'waqtu, u ħabat li dan in-Nru. ħareġ sew sew wara xi ftit żmien mill-mewt tal-Papa Piju XII u l-elezzjoni tal-Papa l-Ġdid Ġovanni XXIII, l-Editorjal u xi materji oħra dwar dawn iċ-ċirkustanzi storiċi daħħalniehom f'dan in-Nru. ta' **IL-MALTI**.